**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Mejju, 2002**

**Numru 37**

**Avviz. numru 832/02JR**

**U.C.I.M. Co. Limited**

**vs**

**Arnold Sultana u martu Marcelle Sultana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fl-4 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u sitta u disghin lira Maltija (Lm696.00), rapprezentanti import ta' tmien kambjali, kollha ta' sebgha u tmenin lira Maltija (Lm87.00) il–wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu, 2001 sa Marzu, 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Marzu, 2002, jammontaw ghal tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm22.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2002, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont kif mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u disghin lira Maltija (Lm696.00), bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Marzu, 2002, jammontaw ghal tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm22.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**